Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 226/2016/1

**Christine Borda**

**Vs**

**Joseph Borda**

30 ta' April, 2019.

1. **Din is-sentenza titratta żewġ appelli minn sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fid-19 ta' Ġunju 2017 permezz ta' liema ntlaqgħat parzjalment it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u kien ikkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' €1,802, in kwantu għal €1,548.11 manteniment u awment u €253.89 spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa, bl-imgħax mid-data ta' meta l-manteniment ġie dovut u saret l-ispiża, rispettivament, sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż jitħallsu 2/3 mill-konvenut u 1/3 mill-attriċi.**

2. Fil-qosor il-provi fl-ewwel stadju żvolġew b'dan il-mod:-

2.1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fl-20 ta' Ġunju 2016, l-attriċi talbet lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar jikkundanna lill Joseph Borda s-somma ta' **€3,929.48** rappreżentanti €3,675.59 arretrati ta' manteniment u awment dovuti lilha għall-perjodu bejn Lulju 2015 u Mejju 2016, u €253.89 rappreżentanti spejjeż inkorsi minnha fl-istess perjodu relatati ma attivitajiet skolastiċi / edukattivi u spejjeż oħra mediċi tal-ulied minuri tal-kontendenti, liema spejjeż kellu jħallas għalihom unikament il-konvenut. Talbet ukoll l-ispejjeż tal-mandat kawtelatorju ppreżentat kontestwalment u l-imgħax legali minn meta l-imsemmi ammont kien dovut / spejjeż ġew żborsati.

2.2. Il-konvenut wieġeb[1] illi: (i) fl-ewwel lok it-talba tal-attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) is-somma rappreżentanti manteniment reklamata mill-attriċi mhix dovuta in kwantu b' digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-15 ta' Ġunju 2016, ġie ordnat li huwa m'għandu jħallas ebda manteniment għall-uliedu minuri; u (iii) is-somma rappreżentanti spejjeż edukattivi u/jew mediċi mhijiex dovuta in kwantu l-attriċi qatt ma nterpellatu sabiex iħallas tali spejjeż, lanqas b' sempliċi rċevuta.

2.3. B' sentenza mogħtija 19 ta' Ġunju 2017, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda billi:

> *'... filwaqt li jilqa' parzjalment ittieni eccezzjoni tal-konvenut, jichad il-bqija ta' l-eccezzjonijiet tieghu, u konsegwentement jilqa' t-talbiet ta' l-attrici limitatament ghas-somma ta' elf, hames mija u tmienja u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€1,548.11) kwantu ghall-manteniment u awment, u ghal mitejn u tlieta u hamsin Euro u disgha u tmenin centezmu (€253.89) kwantu ghal spejjez ta' edukazzjoni u sahha kif mitluba, u ghalhekk qieghed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma globali ta' elf, tmin mija u zewg Euro (€1,802), bl-imghax mid-data ta' meta gie dovut kull ammont ta' manteniment fil-kaz tal-manteniment, u mid-data ta' meta saret kull spiza fil-kaz ta' l-ispejjez, sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru, ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut, filwaqt li kwantu ghal terz (1/3) mill-attrici.'*

3. Kull parti appellat mis-sentenza.

4. Fil-qosor, l-aggravji tal-attriċi huma s-segwenti:

(i) It-Tribunal għal Talbiet Żgħar kien żbaljat meta irritjena illi l-konvenut appellat kien *per massimo* marbut li jħallas <u>manteniment</u> lill-esponenti proprju sa dakinhar li ngħata d-digriet tat-3 ta' Frar 2016 u dana billi d-digriet sussegwenti ta' nhar id-9 ta' Marzu 2016 ġie revokat permezz ta' digriet ieħor ta' nhar il-15 ta' Ġunju 2016 u dan għaliex filwaqt li anké t-Tribunal Għal Talbiet Żgħar stqarr fis-sentenza appellata illi ħadd mill-kontendenti ma għamel talba sabiex il-Qorti tipprovdi retroattivament għal fuq xi talba partikolari, huwa effettivament ta effett retroattiv lid-digriet ta' nhar il-15 ta' Ġunju 2016;

(ii) hija ma kellhiex tiġi akkollata b' parti mill-<u>ispejjeż</u> tal-proċeduri ġudizzjarji.

---

[1] Fol. 6

Hija talbet għalhekk illi s-sentenza appellata tiġi riformata billi: (1) titħassar, tiġi revokata u annullata safejn intlaqgħat parzjalment it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u minflok tiġi miċħuda għal kollox it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u b'hekk tintlaqa' t-talba tagħha fl-ammont sħiħ ta' €3,929.48; u (2) titħassar, tiġi revokata u annullata safejn ordnat li l-ispejjeż ġudizzjarji u dawk tal-mandat kawtelatorju għandhom jitħallsu 2/3 mill-konvenut u 1/3 minnha u minflok jiġi deċiż li l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

5. Min-naħa l-oħra, l-aggravju tal-konvenut huwa li t-Tribunal ma mexiex b' ekwità fil-konfront tiegħu meta ordnalu jħallas:

(i) <u>l-arretrati ta' manteniment</u> kif stabbilit fis-sentenza appellata għaliex b' hekk huwa ġie obbligat iħallas manteniment għal wieħed mill-ulied minuri li fil-perjodu relattiv kien jgħix miegħu; u

(ii) <u>is-somma ta' €253.89 għal mediċini u spejjeż edukattivi</u> għaliex:

(a) skont il-kuntratt ta' separazzjoni kien obbligat **biss** iħallas waħdu għal <u>servizzi</u> mediċi li l-Istat ma joffrix b'xejn, liema kliem ma jkoprix il-*cream* u l-injezzjoni li tagħhom intalbet rifużjoni mill-attriċi; u

(b) huwa qatt ma kien infurmat bil-ħtieġa li jsiru allegati ispejjeż edukattivi u sar jaf li saru biss meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, b' dan illi ma kellux jiġi assoġġettat iħallas għalihom bl-imgħax minn meta saru.

Talab għalhekk li d-deċiżjoni appellata tiġi riformata billi filwaqt li tiġi kkonfermata f'dik il-parti tagħha fejn intlaqgħat parzjalment it-tieni eċċezzjoni tiegħu, tiġi mħassra u revokata fejn ġew milqugħa t-talbiet attriċi u miċħuda l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu, u konsegwentement jintlaqgħu l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu u tiġi miċħuda t-talba attriċi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

6. In linea ġenerali u qabel kull konsiderazzjoni oħra, irid jingħad illi safejn l-aggravji tal-appellanti jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi żvolt mit-Tribunal, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment l-evalwazzjoni tal-provi fil-prim' istanza ħlief għal raġunijiet gravi u f' każ li din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser

tiġi kaġonata inġustizzja manifesta.[2] Inoltré, l-proċediment quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żghar jinvolvi proċedura verament sommarja bi kriterji differenti minn dawk previsti mil-liġi proċedurali a tenur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta adoperati fil-qrati ordinarji, għalhekk:

> *'wieħed għandu dejjem iżomm in mira illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi konfezzjonata prinċipalment skond l-ekwità (Artikolu 7 tal-Kapitolu 380). Dan ifisser li fl-eżami li jrid jiġi kondott ta' l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal din il-Qorti trid tara jekk kienx hemm fil-ġudizzju magħmul leżjoni tad-dritt ekwitattiv'*[3]

7. In materja, jinsab deċiż ukoll illi:

> *'l-ġustizzja u l-ekwità jirrikjedu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun bażata fuq il-**fatti provati**. Filwaqt li din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex il-kompetenza biex tissindika deċiżjoni ta' fatt li jkun wasal għaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tiegħu, din il-Qorti ma hix eskluża mill-funzjoni li tiddeċiedi jekk tali deċiżjoni ta' fatt kienetx tirrifletti **l-ġustizzja sostantiva u l-ekwità. Ġustizzja sostantiva li fil-verità trid tkun bilfors konfortata b' modiku ossia minimu ta' fatt provat.** Huwa wkoll prinċipju ta' ġustizzja naturali illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi iuxta allegata et probata u ma jistax jiddeċiedi manifestament u ovvjament kontra dak li ġie quddiemu provat" – "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999'.* [4]

8. In tema ta' dritt ekwitattiv, fil-kuntest tal-aggravju tal-konvenut appellat, jiġi ċċarat mill-bidu lli:

> *'Din il-Qorti digà kellha okkazjoni bosta drabi tesprimi l-hsieb taghha fuq il-kuncett ta' l-ekwità. B'mod generali, illi l-uzu ta' l-ekwità bhala strument ta' gudizzju ghar-raggungiment tal-gustizzja fil-kaz singolari u in bazi ghall-fattispeci partikolari tieghu, kien hekk konsentit in mertu ghal valutazzjoni tal-fatti jew biex jikkolma certu vojt fil-provi u, fejn okkorrenti, u hekk permissibbli, biex il-Gudikatur jiddevja mir-rigur tal-legalizmu zejjed u l-formalizmu ezagerat. **<u>Mhux</u> ukoll peró biex tigi injorata l-ligi jew l-esigenza tad-dritt applikabbli ghal kaz konkret**.'*[5]

9. L-**ewwel aggravju tal-attriċi u l-ewwel parti tal-aggravju tal-konvenut** jitrattaw il-ħlas dovut li jirrapreżenta <u>manteniment</u> għall-ulied minuri. Għalhekk ser jiġu kkunsidrati u deċiżi flimkien.

10. B' mod konċiż il-fatti kienu s-segwenti:

---

[2] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004
[3] ***Schanzlin Gaby Vs Vella Joe Et***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 08.06.2005
[4] ***Jennifer Hubbers v Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.***, Qorti tal-Appell, 26.01.2005
[5] ***Conris Pace Rivans vs Joseph Rivans u Francis Rivans***, Qorti tal-Appell, 11.12.2009

- Il-partijiet iżżewġu fl-1 ta' Ġunju 1997 u kellhom żewġt itfal mwielda fl-2002 u fl-2005 rispettivament;

- Permezz ta' kuntratt ta' firda personali bejn il-partjiet fl-atti tan-Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech ta' l-10 ta' Lulju 2009, il-partijiet *inter alia* ftehmu:

> ***'7. Il-komparenti raġel jobbliga ruħu li jħallas lill-mara, li taċċetta, is-somma ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466) fix-xahar għall-manteniment tal-imsemmija uliedhom minuri, liema somma tinqasam kwantu għal mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) għal kull wild, u dan sakemm l-istess minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena. Ir-raġel jaqbel u jaċċetta li dan il-ħlas għandu jsir bil-quddiem fit-tmienja u għoxrin (28) jum ta' kull xahar. Inoltre, il-partijiet jaqblu u jiftehmu li l-manteniment hawn pattwit għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-inflazzjoni ...***
>
> ***Il-partijiet jiftehmu inoltré li, oltré l-imsemmi manteniment, ir-raġel għandu jħallas waħdu għall-miżati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, trasport u uniformijiet tal-istess minuri, u għas-servizzi mediċi meħtieġa minnhom li ma jiġux provduti b' xejn mill-Istat fi żmien raġjonevoli.'***

- Fl-1 ta' Awissu 2013, l-attriċi ppreżentat kawża fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)[6] kontra l-konvenut sabiex, *inter alia*, tkun emendata l-klawżola fuq imsemmija u l-qorti tikkundannah iħallasha *'ammont adegwat ta' manteniment li jinkludi ukoll l-ispejjeż ta' edukazzjoni u kif ukoll dawk mediċi tal-minuri li jinkludu ukoll l-ispejjeż ortodontiċi, l-ispejjeż marbutin mas-settur mediku, mediċini u kull spiża oħra relatata ma saħħet il-minuri'* għaż-żewġ uliehom minuri. Il-konvenut oppona t-talba u ppreżenta rikonvenzjoni li biha *inter alia* talab li l-kura u kustodja ta' wliedu minuri tkun fdata lilu b'dan illi jieqaf l-obbligu tiegħu għall-ħlas ta' manteniment għall-uliedu, u minflok tkun hi li tħallsu l-manteniment għat-tfal. Alternattivament u subordinatament, talab riduzzjoni fl-ammont ta' manteniment pagabbli minnu lill-attriċi rikonvenzjonata għall-istess minuri;

- Matul il-kawża li għadha pendenti:-

  - Fid-29 ta' Lulju 2015[7] il-konvenut ippreżenta rikors u talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja): (i) tagħtih il-kura u kustodja ta'

[6] Dok CB1 a fol 9 et seq. - Rik Ġur Nru. 152/2013 AL - ***Borda Christine Vs Borda Joseph***
[7] Fol. 103 et seq.

ibnu minuri Sean bi dritt ta' aċċess favur l-attriċi; (ii) li l-obbligu tal-ħlas ta' manteniment għall-bżonnijiet tal-ulied minuri fis-somma ta' €505 fix-xahar jieqaf sakemm l-iben minuri Sean ikun qiegħed jirrisjedi miegħu; u (iii) li l-attriċi għandha tieħu ħsieb għall-bżonnijiet kollha tal-minuri Sean;

- L-attriċi opponiet[8] għal dawk it-talbiet. Dwar il-kwistjoni tal-manteniment wieġbet li dan la għandu jieqaf u lanqas jitnaqqas iżda għandu jibqa jitħallas fl-intier tiegħu anké f' każ li binhom Sean jibqa' jirrisjedi mal-konvenut, kemm għaliex il-bżonnijiet tal-minuri dejjem jiżdiedu kif ukoll għaliex il-konvenut ma kienx qiegħed jikkontribwixxi għall-bżonnijiet mediċi u edukattivi;

- B'digriet tal-5 ta' Settembru 2015, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet:

> *'Rat ir-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Lulju, 2015;*
>
> ***Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet għal raġunijiet imsemmija fir-risposta.***
>
> *Taħtar lil Carmen Sammut bħala espert psikologa sabiex a spejjeż tar-rikorrenti, tirrelata lill-Qorti dwar l-ewwel talba fid-dawl tar-risposta wara illi tagħmel l-indaġni meħtieġa.*
>
> *Il-Qorti tordna notifika ta' dan id-digriet lil Carmen Sammut.'*[9]

- Permezz ta' digriet ieħor datat 3 ta' Frar 2016, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet:

> *'Rat ir-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Lulju, 2015 u l-atti sussegwenti;*
>
> *Rat ir-rapport ta' Carmen Sammut tat-2 ta' Frar, 2016;*
> *Tilqa' l-ewwel talba u tordna lill-omm sabiex tibda tattendi 'sessions' ta' 'family therapy' flimkien mal-minuri Sean.*
>
> ***Tilqa' t-talbiet l-oħrajn.***[10]

- Sussegwentement, fil-25 ta' Frar 2016, l-attriċi ppreżentat rikors b'urġenza[11] u talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tordna illi d-digriet mogħti fit-3 ta' Frar 2016 jiġi revokat u mħassar

[8] Fol. 112 *et seq*.
[9] Fol. 150 – enfażi ta' din il-Qorti.
[10] Fol. 142 – enfażi ta' din il-Qorti.
[11] Fol. 144 et seq.

*contrario imperio* limitatament in kwantu ipprovdiet li '*tilqa t-talbiet l-oħrajn'* kontenuti fir-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Lulju, 2015 liema talbiet kienu diġa ġew miċħuda nhar il-5 ta' Settembru, 2015;

- Permezz ta' digriet datat 25 ta' Frar 2016, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat in-notifika lill-kontroparti b' ħamest ijiem utili għar-risposta';[12]

- Permezz ta' digriet ieħor datat 9 ta' Marzu 2016, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja):

  *'Rat ir-rikors tal-attriċi Christine Borda tal-25 ta' Frar, 2016.*

  *Rat illi l-intimat notifikat, ma weġibx.*

  ***Tilqa' t-talba kif dedotta.'***[13];

- Fil-25 ta' Mejju 2016 il-konvenut ippreżenta rikors b'urġenza ieħor.[14] Fost il-premessi qal illi minkejja l-bdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet, '***l-intimat għadu fl-obbligu li jivversa s-somma komplessiva, appena indikata, u dan peresss illi l-obbligu tiegħu li jħallas manteniment fis-somma ta' ħames mija u ħames ewro (€505) qatt ma ġie varjat'***. Talab għalhekk lill-Qorti Ċivili (Sessjoni tal-Familja) sabiex, *pendente lite*: (i) tħassar u tirrevoka d-digriet tagħha datat 9 ta' Marzu 2016; (ii) tiddikjara li l-manteniment dovut minnu favur l-attriċi jkun fis-somma ta' nofs il-€505 u ċioé €252.50 stante li l-minuri Sean Borda, fil-kura u kustodja tiegħu, jgħix miegħu; u (iii) tordna lill-attriċi sabiex tivversa manteniment xieraq versu l-minuri Sean Borda li jirrisjedi miegħu;

- L-attriċi wieġbet fil-15 ta' Ġunju 2016[15] u kkontestat it-talbiet.

- B'digriet tal-15 ta' Ġunju 2016,[16] il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet:-

---

[12] Fol. 152.
[13] Fol. 153 – enfażi ta' din il-Qorti.
[14] Fol. 154.
[15] Fol. 224 – 227 u 169 – 171.
[16] Fol. 229.

*'Rat ir-rikors tal-konvenut Joseph Borda datat 25 ta' Mejju 2016, u r-risposta.*

***Tilqa' l-ewwel talba.***

***Tiċħad it-tieni talba għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.'*;**[17]

11. Abbażi ta' dawn il-fatti t-Tribunal għamel il-konsiderazzjonijiet segwenti:

*'Illi l-attrici min-naha taghha qieghda ssostni illi d-digriet tal-15 ta' Gunju 2016 ma kellu l-ebda effett retro-attiv, u allura l-konvenut gie mehlus mill-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment minn dakinhar biss u mhux mit-3 ta' Frar 2016, meta nghata l-ewwel digriet wara r-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Lulju 2015. It-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni, ghaliex il-fatt illi d-digriet tad-9 ta' Marzu 2016 gie revokat permezz ta' digriet iehor tal-15 ta' Gunju 2016 kien ifisser illi r-relazzjoni baqghet regolata minn dak id-digriet li allura ma kienx gie revokat, u cioe' dak tat-3 ta' Frar 2016. Il-konvenut kien ghadu ghalhekk per massimo marbut li jhallas manteniment propju sa dakinhar li nghata d-digriet tat-3 ta' Frar 2016. Id-digriet tal-15 ta' Gunju 2016 ma jistax jigi kunsidrat in vacuo, minghajr ma wiehed jaghmel referenza ghad-digriet precedenti, u li baqghu effettivi. It-Tribunal jikkonsidra illi l-fatt illi l-konvenut ma wegibx ghar-rikors tal-25 ta' Frar 2016 ta' l-attrici kkomplika l-affarijiet, ghaliex jidher li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet laqghet dak ir-rikors ta' l-attrici propju ghaliex ma kienx hemm risposta; izda xorta jibqa' l-fatt illi wara r-rikorsi u d-digrieti kollha li saru, l-effett ahhari kien illi baqa' effettiv id-digriet tat-3 ta' Frar 2016.*

*Illi din il-konsiderazzjoni ghalhekk twassal sabiex l-attrici ghalhekk ikollha l-jedd li tithallas l-arretrati u awment tal-manteniment minn Awwissu 2015 sat-3 ta' Frar 2016. Il-konvenut ma gab l-ebda prova li dan il-manteniment u awment thallas, ghalhekk itTribunal qieghed jikkonkludi li dan l-ammont ghadu dovut. Jekk wiehed juza t-tabella mhejjija mill-attrici stess, u cioe' dik a fol. 66, li ma giet bl-ebda mod kontestata, wiehed jara illi l-attrici qed titlob l-ewwel manteniment u cioe' dak korrispondenti ghal Awwissu 2015. Ghas-sitt xhur sussegwenti, u cioe' sa l-ahhar ta' Jannar 2016, il-manteniment li qed titlob huwa ta' mitejn u tnejn u hamsin Euro u hamsin centezmu (€252.50) fix-xahar, u t-total ghalhekk jammonta ghal elf, hames mija u hmistax-il Euro (€1515). Jekk wiehed iqis ukoll jumejn fi Frar, u cioe' sa ma nghata d-digriet tat-3 ta' Frar 2016, u jikkalkula proporzjonatament ghal dak li kellu jithallas fi Frar 2016, mat-total appena msemmi ghandu jzid ukoll somma ohra ta' tlieta u tletin Euro u hdax-il centezmu (€33.11), biex b'hekk jasal ghal total ta' elf, hames mija u tmienja u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€1,548.11).'*

12. Da parti tagħha l-attriċi tikkritika d-deċiżjoni appellata in kwantu tikkontendi li huwa dovut lilha l-ammont sħiħ ta' €3,675.59 rappreżentanti arretrati ta' manteniment u awment għall-perjodu bejn Lulju 2015 u Mejju 2016 filwaqt li l-konvenut appellant jisħaq li t-Tribunal ma mexiex b'ekwita għaliex ladarba wieħed

[17] Enfażi ta' din il-Qorti.

minn uliedu kien jgħix miegħu fil-perjodu in kwistjoni, l-ebda manteniment fir-rigward ta' dak il-wild ma kien dovut lill-attriċi.

13. Kienu l-partijiet stess li permezz tal-kuntratt ta' firda personali ftehemu dwar il-manteniment li għandu jitħallas mill-konvenut għall-uliedu. Ġialadarba ma ntleħaqx ftehim bejn il-kontendenti, irreferew il-każ quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex isir tibdil fil-kuntratt ta' separazzjoni. Hekk timponi l-liġi. Fil-frattemp, il-partijiet talbu lil dik il-Qorti tagħti digrieti sabiex tvarja ċertu aspetti tal-ftehim bejniethom *pendente lite.* Fil-fatt ir-rikorsi kollha saru fl-atti tal-kawża pendenti.

14. L-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas il-manteniment għat-tfal tirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni. It-Tribunal u din il-qorti m'għandhomx joqgħodu jippruvaw jinterpretaw x'kellha f'moħħa l-qorti tal-familja meta tat id-digrieti fuq imsemmija. Kwalsiasi dubju għandu jiġi ċċarat minn dik il-qorti u mhux mit-Tribunal jew din il-qorti. It-*timeline* rilevanti hu:

i. Kuntratt tal-10 ta' Lulju, 2009 li bih il-konvenut obbliga ruħu li jħallas manteniment għall-uliedu (klawżola 7 tal-kuntratt).

ii. Digriet tat-3 ta' Frar, 2016 li bih il-qorti laqgħet it-talbiet tal-konvenut li jingħata kura u kustodja tal-minuri Sean u t-talba sabiex, *"ii. Tordna illi l-obbligu ta' ħlas ta' manteniment għall-bżonnijiet tal-ulied minuri Sean u Neil fis-somma ta' €505 fix-xahar għandu jieqaf u dan sakemm l-iben minuri Sean ikun qiegħed jirrisjedi ma' missieru r-rikorrent".* Ordni li ngħatat għar-rikors li ppreżenta l-konvenut fid-29 ta' Lulju, 2015.

iii. Digriet tad-9 ta' Marzu, 2016 li bih il-qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex tħassar dik il-parti tad-digriet tat-3 ta' Frar, 2016 li bih laqgħet it-tieni u tielet talbiet tar-rikors tad-29 ta' Lulju, 2015. B'hekk minn dakinhar tħassar id-digriet li bih il-konvenut ma kellux jibqa' jħallas manteniment għall-ibnu Sean.

iv. Digriet tal-15 ta' Gunju, 2016 li bih il-qorti laqgħet it-talba tal-konvenut u ħassret id-digriet tad-9 ta' Marzu, 2016. Madankollu f'dak l-istess digriet il-qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex pendente lite, *"ii. Tiddikjara illi l-manteniment dovut mir-rikorrenti intimat a favur tal-attrici jkun fis-somma ta' nofs il-ħames mija u ħames ewro u ċioe' s-somma ta' mitejn tnejn u ħamsin ewro u ħamsin ċenteżmu (€252.50) u dan stante illi issa l-minuri Sean Bord b'ordni tal-qorti stess qiegħed fil-kura u kustodja tar-rikorrenti, filwaqt li jgħix miegħu".* Il-qorti hi perplessa kif dik it-tieni talba ġiet miċħuda iktar u iktar meta tikkunsidra li ġiet milqugħa l-ewwel talba. Digriet li hu mingħajr motivazzjoni. Din il-qorti m'hijiex il-forum kompetenti

sabiex tikkoreġi żball li seta' sar mill-qorti tal-familja. Jibqa' fatt li l-qorti tal-familja ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex iħallas biss is-somma ta' €252.50 bħala manteniment, ċjoe għall-minuri Neil. Hu evidenti li l-konvenut qiegħed konvenjentement iwarrab dik il-parti tad-digriet, u m'hemmx prova li għamel xi talba lill-qorti tal-familja sabiex tvarja dak id-digriet peress li laqat l-ewwel talba tar-rikors tad-9 ta' Marzu, 2016.

15. L-obbligu kuntrattwali ma waqafx *'ipso facto'* kif Sean mar igħix ma' missieru, imma jipperdura sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor jew ikun hemm ordni mill-qorti tal-familja li tgħid mod ieħor wara li jkun ta prova li ibnu qiegħed igħix miegħu.

16. Id-digrieti ingħataw kollha *pendente lite* u għalhekk m'humiex ordnijiet defenittivi. Kif jingħata digriet, l-ordni tidħol fis-seħħ sakemm id-digriet ma jgħidx mod ieħor. Il-qorti tifhem li d-digrieti li ngħataw mill-qorti tal-familja ma kellhomx effett retroattiv ġialadarba l-qorti tal-familja ma' qalitx hekk fid-digrieti infushom. Għalhekk l-effett tad-digriet hu *ex nunc*.

17. Il-qorti tistqarr li kwistjoni sempliċi ma kellhiex twassal għal dawk ir-rikorsi u digrieti kollha. Il-loġika tgħidlek li kull ma kien hemm bżonn li jsir hu li jiġi determinat ma' min kien effettivament qiegħed igħix il-minuri Sean, u jekk jirriżulta li kien qiegħed igħix mal-konvenuta allura l-qorti tal-familja setgħet *pendente lite* tagħti ordni li bih tissospendi l-ħlas lill-attriċi tal-manteniment għal dak il-minuri. Hi l-qorti tal-familja li għandha l-ġurisdizzjoni tagħti ordni bħal dik u żgur mhux it-Tribunal jew din il-qorti. Il-manteniment li ftehemu dwaru l-kontendenti kien għall-uliedhom, fl-ammont ta' €233 għal kull wild (ara klawżola numru 7 tal-kuntratt). Manteniment li ovvjament jitħallas għal bżonnijiet fit-trobbija tat-tfal. Għal din il-qorti hu ovvju li jekk il-minuri mar igħix ma' missieru, mela l-manteniment m'għandux jibqa' jitħallas lill-omm.

18. Madankollu s'issa il-klawżola tal-manteniment għadha soġġetta għall-kawża li qegħda tinstema' quddiem il-qorti tal-familja. Fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal u din il-qorti jridu jiddeċiedu a bażi ta' dak li ftehemu l-partijet fil-kuntratt ta' separazzjoni u d-digrieti pendente lite li tat il-qorti tal-familja.

19. Kien il-konvenut innifsu li fil-<u>25 ta' Mejju 2016</u> ippreżenta rikors u talab ir-revoka tad-digriet tad-9 ta' Marzu 2016, u ippremetta li '***minkejja dan il-BDIL SOSTANZJALI fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet, l-intimat għadu obbligat illi jivversa s-somma komplessiva, appena indikata, u dan peress illi l-obbligu tiegħu li jħallas manteniment fis-somma ta' ħames mija u ħames ewro (€505) qatt ma ġie varjat'***. Kliem li juri li kien il-konvenut stess li jikkonċedi li minkejja l-bdil fiċ-ċirkostanzi, l-obbligu kuntrattwali li jħallas il-manteniment ma jieqafx *ipso jure* u li pendente lite l-qorti tal-familja kellha l-kompetenza li tagħti ordnijiet f'dak ir-rigward.

20. It-Tribunal u din il-qorti għandhom jiddeċiedu fuq dak li l-partijiet ftehemu fil-kuntratt ta' separazzjoni u l-ordnijiet tal-qorti tal-familja *pendente lite*.

21. Meħud in konsiderazzjoni dak li ntqal f'paragrafu 14 tas-sentenza, **ifisser li l-manteniment dovut mill-konvenut għall-ibnu Sean waqaf fit-3 ta' Frar 2016, reġa' beda fid-9 ta' Marzu 2016 u reġa' waqaf għal darb' oħra fil-15 ta' Ġunju 2016.**

22. Abbażi tat-tabella a fol. 66, li tifforma l-bażi tal-ammont reklamat mill-attriċi fir-rikors promutur, isegwi li għal dak li hu manteniment hija dovuta lill-attriċi s-somma ta' **elfejn seba' mija u tletin ewro u erba' u tletin ċenteżmu (€2,730.34)**, in kwantu għal €1,515 għall-perjodu Awissu 2015 sa Jannar, 2016; €18 għal jumejn fi Frar 2016, €187.34 għal 23 ġurnata f'Marzu 2016 u €1,010 għax-xhur ta' April u Mejju, 2016. Il-kalkoli saru fuq manteniment ta' €505 fix-xahar, ġialadarba mill-atti hu evidenti li l-partijiet jaqblu li skont klawżola 7 tal-kuntratt dik kienet is-somma dovuta għal żewġ ulied fil-perjodu meritu tal-kawża.

23. Permezz tat-**tieni parti tal-aggravju tal-konvenut**, dan ta' l-aħħar jilmenta ukoll mill-konkluzjoni tat-Tribunal dwar <u>is-somma ta' €253.89 għal mediċini u spejjeż edukattivi</u>.

24. Fir-rigward, it-Tribunal iddeċieda:

> *'Illi in kwantu jirrigwarda l-ispejjez kif elenkati a fol. 69 tal-process, l-attrici rnexxielha tipprova illi dawn l-ispejjez kienu dovuti, kemm minhabba n-natura ta' l-ispejjez minfuqa, kif ukoll permezz tar-ricevuti esebiti. L-eccezzjoni illi ta l-konvenut illi m'ghandux ihallas ghal dawn l-ispejjez ghaliex l-attrici ma kinitx avzatu bihom ma tregix, u dan anke ghaliex m'hemm provdut xejn f'dan is-sens fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet – din tista' se mai tirrifletti biss fil-mod kif ha jigu mqassma l-ispejjez ta' din il-kawza izda ghal xejn aktar (u fil-fatt ma jirrizultax lit-Tribunal li l-attrici interpellat lill-konvenut ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez qabel il-kawza odjerna). Il-kuntratt huwa car u fi klawsola sebgha (7) jipprovdi b'mod car illi l-ispejjez mitluba f'din il-kawza ghandhom jithallsu mir-ragel wahdu, u dan anke peress li l-ispejjez tas-sahha li qed jintalbu jirreferu ghal medicini, u ma jistghux jigu klassifikati bhala servizzi medici li l-istat ma joffrix b'xejn. F'kull kaz, il-konvenut ma gab l-ebda prova illi dak mitlub mill-attrici, l-istat jista' joffrieh b'xejn. Kwantu jirrigwarda l-ispejjez ta' l-edukazzjoni li qed jintalbu, dawn huma ghal kotba ta' l-iskola, kif ukoll ghal zarbun u papocc illi jitqiesu parti mill-uniformi ta' l-iskola, u ghalhekk huma spejjez li pjenament jaqghu fil-kategoriji elenkati fl-imsemmija klawsola sebgha (7) fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li l-ammont ta' mitejn u tlieta u hamsin Euro u disgha u tmenin centezmu (€253.89) mitlub mill-attrici ghal dawn l-ispejjez huwa wkoll dovut.'*

25. Il-konvenut jikkontendi li:

(a) għal dak li jirrigwarda l-mediċini, skont il-kuntratt ta' separazzjoni kien obbligat **biss** iħallas waħdu għal <u>servizzi</u> mediċi li l-Istat ma joffrix b'xejn, liema

kliem ma jkoprix il-*cream* u l-injezzjoni li tagħhom intalbet rifużjoni mill-attriċi; u

(b) huwa qatt ma kien infurmat bil-ħtieġa li jsiru allegati ispejjeż edukattivi u sar jaf li saru biss meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, b' dan illi ma kellux jiġi assoġġettat iħallas għalihom, per di piú, bl-imgħax minn meta saru.

26. Dwar ir-rifużjoni lill-attriċi għall-valur tal-*cream* u injezzjoni in kwistjoni din il-Qorti tirreferi għal dak diġa deċiż minnha f' kawża oħra bejn l-istess partijiet, Appell Ċivili Nru. 128/2013 ***Christine Borda vs Joseph Borda***, deċiża fit-30 ta' Mejju, 2017.

> *'Nonostante din ix-xhieda tal-appellant, gew esibiti wkoll skambju ta' emails bejn il-partijiet li juru fost ohrajn li l-appellant mhuwiex qieghed joggezzjona ghall-hlas tal-medicini tat-tfal izda nsista biss li l-kontijiet relattivi ghandhom jidentifikaw il-medicina li ghaliha qed jintalab hlas. F' email datata 9 ta' Novembru 2010 huwa jghid hekk –*
>
> *"Kindly give me an itemized bill for the medicines and the doctor's prescriptions. If you don't have an itemized bill, for this time write them yourself with the prices. I have no problem for paying anything for the boys…".*
>
> *Tlett ijiem wara, fit-12 ta' Novembru huwa rega' tenna li fir-rigward tal-medicini huwa ried itemized bill u l-preskrizzjoni tat-tabib.*
>
> *Kif jidher car minn dak l-iskambju ta' emails, l-uniku lment tal-appellant kien li ma riedx li l-appellata tipprova tapprofitta ruhha minnu fir-rigward tal-ammont tal-ispejjez. Imkien ma qal li huwa m'ghandux ihallas ghal dawn il-medicini. Dan jikkonfliggi sew mal-pozizzjoni li l-appellant ha f'dawn il-proceduri fejn issa qed jargumenta li skont il-kuntratt huwa m'ghandux jaghmel tajjeb ghal dawn it-tip ta' spejjez.'*

27. L-imsemmija *emails* jinsabu wkoll eżibiti fl-atti tal-proċeduri odjerni.[18] Din il-Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni valida għalfejn għandha tvarja l-konsiderazzjonijiet tagħha fuq dan il-punt. Għalhekk, għall-istess raġunijiet is-somma ta' €17.65 għall-ingwent, tilqima u mistura skont l-irċevuti annessi mar-rendikont a fol. 69 *et seq* huma dovuti.

28. Dwar l-ammont ta' €236.24 rappreżentanti prezz ta' kotba u żraben għall-iskola mħallsa mill-attriċi għall-minuri li kien għadu jgħix magħha,[19] it-Tribunal ġustament iddeċieda li dawn għandhom jitħallsu mill-missier skont il-klawsola 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni. Il-fatt li l-attriċi ma avżatx lill-konvenut li kienet se tixtrihom ma jbiddel xejn mill-fatt li huma dovuti mill-konvenut.

---

[18] Dok. CB8 a fol. 83 et seq.
[19] Dok. CB5 a fol 69 et seq.

29. Madanakollu l-konvenut għandu raġun jikkontendi li, kuntrarjament għal dak deċiż mit-Tribunal, huwa ma kellux jiġi assoġġettat iħallas l-imgħax fuq dawn l-ispejjeż minn mindu ġew inkorsi fin-nuqqas ta' prova li kien ġie nterpellat iħallas l-imsemmija spejjeż qabel. Għalhekk, limitatament f'dan ir-rigward, l-appell tal-konvenut qiegħed jintlaqa'. Ladarba l-irċevuti relattivi ġew preżentati mill-attriċi għall-ewwel darba fil-mori ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' l-affidavit tagħha, l-imgħax fuq is-somma ta' €253.89 għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza.
30. It-**tieni aggravju tal-attriċi** hu dwar l-ispejjeż ġudizzjarji u fir-rigward ta' liema kienet kundannata tħallas 1/3. Peress li l-appelli taż-żewġ appellanti qegħdin it-tnejn jintlaqgħu *in parte*, dak hawn deċiż se jiġi rifless ukoll fil-kap tal-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' *in parte* kemm l-appell tal-attriċi u kif ukoll l-appell tal-konvenut, u tvarja s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn seba' mija u tletin ewro u erba' u tletin ċenteżmu (€2,730.34) arretrati ta' manteniment.**

**Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza dwar l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa, b'dan li l-imgħax għandu jitħallas mid-data tas-sentenza tat-Tribunal. L-imgħax fir-rigward tal-manteniment jibqa' kif deċiż u fir-rigward ta' liema ma sarx aggravju.**

**Spejjeż ġudizzjarji taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal ¾ a karigu tal-konvenut u ¼ a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.